MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 848/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**KONTRA**

**JASON DEBONO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jason Debono ta' 36 sena, bin Carmelo u Mary nee' Abela, imwieled Pieta, nhar is- 6 ta' Awwissu 1972, residenti fil- fond numru 25, Fuq Verdala, Bormla, u detentur tal- karta tal- identita' bin- numru 358272 (M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f’ Settembru 2007, f’dawn il- Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn , tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad- dannu tal- kumpanija W&J Coppini & Co Financial Services;

2) B’hekk imputat Jason Debono, sar recidiv ghat-termini tal- Artikolu 49 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

Rat in-nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali, li permez taghha gew indikati l-Artikoli li permezz taghhom l-imputat kellu jigi pprocessat kriminalment;

**Ikkunsidrat:**

Illi bis-sahha tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Il-Qorti semghet illi l-imputat kien ghamel qligh b'qerq ghad-dannu ta' W&J Coppini ltd fl-ammont ta' 4,700 Ewro u li kien ghadu ma hallasx dan l-ammont lura. In vista tal-ammissjoni bikrija atl-imputat, u in vista li l-ammont indikat baqa' ma thallasx, il-Qorti ser taghti piena ta' prigunerija sospiza b'ordni ghall-hlas entro terminu prefiss mil-ligi, flimkien ma' ordni ta' supervizjoni fuq l-imputat ma' Ufficjal tal-Probation.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 49, 17, 23, 31, 289, 532A, 532B, 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Fuq ammissjoni din il- Qort qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba (4) snin, taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation ai terminu tal- Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' erbat elef u seba' mitt Ewro (€4,700) fi zmien sitt (6) xhur lil W&J Coppini & Co ai terminu tal- Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------